

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Green Paper dwar id-drittijiet tal-awtur fl-ekonomija tal-għarfien

COM(2008) 466 finali

(2009/C 228/08)

Nhar is-16 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“il-Green Paper dwar id-drittijiet tal-awtur fl-ekonomija tal-għarfien”

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-11 ta' Marzu 2009. Ir-rapporteur kien is-Sur RETUREAU.

Matul l-452 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-24 u l-25 ta' Marzu 2009 (seduta tal-24 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'173 vot favur, 6 voti kontra u 2 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1 L-għan tal-Green Paper hu li tħeġġeġ dibattitu dwar kif l-għarfien fl-oqsma tar-riċerka, ix-xjenza u l-edukazzjoni jista' jitferrex fuq l-internet bl-aħjar mod u li ssib risposti għal ċerti problemi marbuta mar-rwol tad-drittijiet tal-awtur fl-ekonomija tal-għarfien.

1.2 Bi “drittijiet tal-awtur” nifhmu d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati oħra, kunċett li ġej mid-definizzjoni klassika ta' “proprietà letterarja u artistika”⁽¹⁾. Id-drittijiet tal-awtur huma mħarsa minn numru ta' organizzazzjonijiet u strumenti internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Berna, u huma amministrati mill-WIPO⁽²⁾ u l-ftehim TRIPS dwar il-proprietà intellettuali relatata mal-kummerċ fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

1.3 Din il-Green Paper hija maqsuma f'żewġ partijiet u tittratta l-kwistjoni tal-eċċezzjonijiet għad-drittijiet esklużivi tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati. It-tieni parti tittratta l-kwistjonijiet marbuta mal-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li huma l-aktar rilevanti għat-tixrid tal-għarfien u jekk dawn l-eċċezzjonijiet għandhomx jiġu adattati għall-era diġitali.

1.4 Il-ftehim TRIPS jipprovdi għal interpretazzjoni stretta tal-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur.

1.5 Fir-reviżjoni tas-Suq Uniku tagħha⁽³⁾, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa tal-promozzjoni tal-moviment liberu tal-għarfien u l-innovazzjoni. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ dan l-approċċ u jemma li huwa indispensabbli għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Istrateġija ta' Liżbona.

1.6 Jeżistu disa' direttivi dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati⁽⁴⁾. L-awturi ta' applikazzjonijiet tas-software huma ttrattati bħall-awturi ta' xogħlijiet letterarji u artistiki, madanakollu kemm fil-liġi, kif ukoll fil-prattika, dawn id-drittijiet huma iktar limitati “mid-drittijiet tradizzjonali tal-awtur”.

2. Kwistjonijiet ġenerali

2.1 Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-għan tad-Direttiva dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni huwa li tiżgura l-ogħla livell ta' ħarsien għall-awturi. Hija għandha tkompli tapplika fl-era diġitali kkaratterizzata mid-diġitalizzazzjoni u t-trażmissjoni immedjata ta' xogħlijiet letterarji u artistiki, pubblikazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi u xogħlijiet stabbiliti permezz tas-software. Madanakollu l-benefiċjarji ta' dawn id-drittijiet jibqgħu jsostnu li jagħmlu biss qligħ żgħir mit-tqegħid tax-xogħlijiet tagħhom għall-użu fuq l-internet.

2.2 Fil-preżent, il-lista Komunitarja tal-eċċezzjonijiet fuq id-drittijiet tal-awtur tinkludi eċċezzjoni obligatorja u għoxrin eċċezzjoni fakultattiva; l-Istati Membri għalhekk huma ħielsa li jagħżlu jekk jimplementawx l-eċċezzjonijiet li mhumiex obligatorji jew le. Il-Kumitat jemma li dan ixekkel l-armonizzazzjoni tal-eċċezzjonijiet fakultattivi li jistgħu jkunu ġġustifikati fekonomija tal-għarfien li tuża mezzi teknoloġiċi li dejjem qed jiżviluppaw fl-era diġitali. Madanakollu, minħabba li din il-lista hija eżawrjenti, ma tippermettix li Stati Membri oħra jżidu eċċezzjonijiet oħra. Minbarra dan, permezz “tal-kundizzjoni trippla” li fasslu l-WTO u l-WIPO, ir-restrizzjonijiet huma soġġetti għal tliet kundizzjonijiet: dawn ma japplikawx ħlief f'ċertu każijiet partikolari (pereżempju utenti neqsin mid-dawl), m'għandhomx imorru kontra l-isfruttar normali tax-xogħol u m'għandhomx jippreġudikaw l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet b'mod inġust.

⁽¹⁾ Li twessgħet sabiex tiġbor fiha wkoll oqsma ġodda u aspetti tal-kreattività intellettuali.

⁽²⁾ WIPO – World Intellectual Property Organisation.

⁽³⁾ COM(2007) 724 finali tal-20.11.2007 - Suq Uniku għall-Ewropa tas-Seklu 21.

⁽⁴⁾ Uħud minnhom jindirizzaw il-kwistjoni tad-drittijiet ad hoc bħal dawk li jgawdu minnhom l-awturi ta' bażijiet ta' data u d-disinjatur ta' ċirkwiti elettroniċi.

2.3 Il-Kumitat iqis li dawn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxu għal forma ta' armonizzazzjoni, madanakollu, is-sistema ta' lista eżawrjenti fakultattiva u li, fejn ikun hemm bżonn, tippermetti restrizzjonijiet fuq l-ambitu tal-eċċezzjonijiet, twassal għal problemi ħafna aktar speċifiċi ta' implimentazzjoni u ta' monitoraġġ fil-każ tat-tixrid online tax-xogħlijiet (b'mod partikolari bis-satellita).

2.4 Il-lista tirrikjedi approċċ aktar kategoriku li jirrifletti l-għanijiet tas-soċjetà tal-għarfien u tal-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, minħabba li l-għan tal-armonizzazzjoni għadu ma ntlaħaqx u għad hemm wisq eċċezzjonijiet.

2.5 L-interessi ekonomiċi prinċipali involuti huma relatati mad-divertiment, ma' ċertu forom ta' kultura popolari jew loġhob aktar milli mal-għarfien fil-veru sens tal-kelma; madanakollu ma jaqbilx li jkun hemm taqsim strett tal-kategoriji differenti ta' kontenut, għajr ovvjament għal kontenut pornografiku jew li jista' jkun ta' ħsara għal pubbliku mhux adult.

2.6 Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom japplikaw għad-diżabilitajiet kollha li jillimitaw l-aċċess sħiħ għall-internet u l-kontenut multimedjali fuq l-internet, għat-tagħlim ta' kull livell inkluż it-tagħlim tul il-ħajja u l-universitajiet tat-tielet età, għal-libreriji u l-libreriji multimedjali pubbliċi u universitarji, għan-nies li jkollhom iqattgħu żmien twil l-isptar jew il-ħabsin li għaddejjin minn xi programm ta' riabilitazzjoni u għar-riċerkaturi tas-settur pubbliku u privat, permezz ta' arranġamenti speċifiċi ma' libreriji u ċentri ta' dokumentazzjoni speċjalizzati. Il-benefiċjarji tal-eċċezzjonijiet għandu jkollhom il-possibbiltà ta' rimedju f'każ fejn l-aċċess huwa impossibbli jew diffiċli ħafna, madanakollu, kwalunkwe estensjoni fuq il-lista tal-eċċezzjonijiet trid tkun akkumpanjata minn modi ġodda ta' kumpens minimu għall-anqas għad-detenturi oriġinali⁽¹⁾ tad-drittijiet kif inhu l-każ tar-remunerazzjoni għall-kopja privata.

2.7 Dan il-kumpens għandu jinġabar mill-korpi awtorizzati tal-għbir li huma inkarigati mill-għbir u d-distribuzzjoni tar-remunerazzjoni għal ħlas ibbażat fuq il-kriterji tad-distribuzzjoni li jistgħu jiġu mmodifikati skont it-tipi ta' eċċezzjonijiet obbligatorji stabbiliti.

2.8 Għandhom jitnedew konsultazzjoni u negozjati bejn ir-rappreżentanti tad-diversi partijiet interessati involuti fil-produzzjoni u l-użu tax-xogħlijiet; madanakollu l-Kumitat huwa tal-fehma li jekk fl-ewwel stadju l-Kummissjoni tkun tista' tfassal

⁽¹⁾ L-awturi bħala dawk li ħolqu u fasslu xogħol waħidhom jew bl-għajnuna ta' xi ħadd ieħor.

linji gwida, ikun tajjeb li mbagħad tistabbilixxi "liċenzji standard" minimi komunitarji, li jkunu jistgħu jiġu adottati fil-livell nazzjonali permezz ta' negozjati bejn il-partijiet ikkonċernati.

2.9 Skont il-Kumitat, ir-rwol intermedjarju tal-libreriji pubbliċi u universitarji, taċ-ċentri ta' dokumentazzjoni u riċerka, kif ukoll il-kontroll li jsir mill-korpi tal-għbir jiżgura li jiġu rrispettati il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim TRIPS, li huma forsi wisq stretti jew interpretati b'mod wisq restrittiv u li ma jindirizzawx il-ħtiġijiet tas-soċjetà tal-għarfien u ż-żieda kbira fl-użu tal-internet fl-oqsma kollha l-iktar f'dawk tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iskambju ta' informazzjoni bejn xjenzati u riċerkaturi.

2.10 Numru ta' xogħlijiet edukattivi, xjentifiċi jew tekniċi diġà jistgħu jinstabu fuq l-internet b'liċenzji "light", bħall-GPL⁽²⁾ jew il-"creative commons" għal xogħlijiet letterarji u artistiki. Dawn il-liċenzji u l-produzzjoni ta' kontenut siewi għas-soċjetà tal-għarfien⁽³⁾ għandhom jiġu mħeġġa permezz ta' sejħiet għall-offerti jew b'appoġġ għall-istituzzjonijiet li jipproduċu kontenut xjentifiku u tekniku u software billi japplikaw din it-tip ta' liċenzja⁽⁴⁾.

3. Eċċezzjonijiet: problemi speċifiċi

3.1 Il-Green Paper tagħti importanza partikolari lill-eċċezzjonijiet fuq id-dritt tal-awtur li l-aktar jistgħu jipromwovu t-tixrid tal-għarfien, bħall-eċċezzjoni għal-libreriji jew arkivji, l-eċċezzjoni li tawtorizza t-tixrid ta' xogħlijiet għal skopijiet ta' tagħlim u riċerka, l-eċċezzjoni għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabilità u possibbilment għall-kontenut li joħolqu l-utenti.

3.2 Id-diġitalizzazzjoni tal-kotba f'libreriji u arkivji bil-għan li jiġu ppresevati d-dokumenti oriġinali u xi drabi uniċi, u tqegħid tagħhom online għall-utenti qed jiżdedu sew, kif tixhed l-inizjattiva tal-librerija diġitali Komunitarja msejħa Europeana.

3.3 Il-livelli ta' diġitalizzazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tax-xogħlijiet ivarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor, hekk kif ivarjaw ukoll il-kundizzjonijiet relatati, li fil-fehma tal-Kumitat xi kultant huma restrittivi wisq. Id-Direttiva ma tistipula l-ebda eċċezzjoni fuq id-dritt tar-riproduzzjoni għajr f'każ ta' konsultazzjoni interna għal għanijiet speċifiċi ta' riċerka u ta' konservazzjoni limitata tax-xogħol għal skopijiet li mhumiex kummerċjali. Id-dispożizzjoni tal-kundizzjoni trippla hija stretta iżda tista' ssir aktar flessibbli speċjalment jekk jiġi stabbilit kumpens għall-benefiċċju tal-awturi fil-forma ta' somma globali.

⁽²⁾ GPL – Green Public Licence li tirreferi għas-software b'xejn.

⁽³⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE "Il-kooperazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien".

⁽⁴⁾ Numru sostanzjali ta' kumpaniji privati kbar jagħtu kontribut finanzjarju attiv għal proġetti bħal dawn permezz ta' liċenzji individwali jew mingħajr ħlas għax iqisuhom sors ta' innovazzjoni li jiġb miegħu profit.

3.4 Għandu jkun hemm eċċezzjoni speċjali għal xogħlijiet fraġli jew rari u l-listi ta' xogħlijiet li jiġu mħeġġa jużaw it-tfal tal-iskejjel primarji u sekondarji, l-istudenti u li jintużaw għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja. Dawn jistgħu jitqiesu bħala sorsi ta' interess partikolari nazzjonali. Għandu jkun possibbli li l-format tal-IT jiġi limitat għall-formats li huma koperti minn standard internazzjonali rikonoxxut mill-ISO u li jkunu kompatibbli mal-maġġoranza tal-formats miftuħa (open formats) u proprjetarji (proprietary formats) li jeżistu ⁽¹⁾.

3.5 In-numru ta' kopji jrid jiġi stabbilit skont in-numru magħruf ta' utenti awtorizzati u skont il-ħtiġijiet relatati mal-konservazzjoni ⁽²⁾.

3.6 Il-kwistjoni tal-aċċessibbiltà online tinvolvi numru ta' problemi partikolari li jeħtieġu aktar garanziji ta' nondisseminazzjoni min-naħa tal-utenti aħħarin. Uहुd minnhom jistgħu jħallsu għal-liċenzja u għas-servizz ⁽³⁾.

3.7 Jeħtieġ li titqies il-possibbiltà ta' emenda għad-Direttiva li tippermetti s-self ta' xogħlijiet online għal skopijiet ta' riċerka u edukazzjoni taħt kundizzjonijiet legali u tekniki ċari. Il-proċedura u l-obbligju li l-kundizzjonijiet tal-liċenzja speċjali u tas-self online jinftiehm tajejeb, għandhom jedukaw lill-poplu, b'mod partikolari ż-zgħażaġh dwar kemm huwa importanti li nirrispettaw id-drittijiet tal-awtur. Il-Kumitat dejjem ippropona li għandu jinħoloq sens ta' rispett għall-proprjetà intellettwali għax jagħmel parti fundamentali mill-etika tal-ekonomija tal-għarfien.

4. Xogħlijiet orfni

4.1 Ix-xogħlijiet orfni huma sors importanti tal-kreattività.

4.2 Il-Kumitat iqis li l-Green Paper tqajjem numru ta' kwistjonijiet rilevanti u tipproponi soluzzjonijiet pożittivi u konkreti. Wara li tkun saret riċerka tajba, jistgħu jibdew jiġu ppubblikati listi ta' xogħlijiet orfni regolament. Jekk wara perjodu stabbilit ta' żmien id-detentur tad-drittijiet ma jinstabx, ix-xogħol ma jsirx parti mid-dominju pubbliku iżda jkun kopert minn sistema ta' protezzjoni xierqa tad-drittijiet tal-awtur, f'każ li fil-futur jinstab detentur leġittimu tad-drittijiet. L-għażla tas-sistema ta' liċenzji użata tista' timxi fuq il-mudell Daniż u Ungeriż, iżda l-Kumitat jemmen li huwa possibbli u jkun aħjar li titfassal liċenzja standard Ewropea.

4.3 Il-Kumitat jidhirlu li m'hemmx b'żonn direttiva speċifika dwar ix-xogħlijiet orfni. Il-ġestjoni ta' dawn ix-xogħlijiet ma tinvolvi eċċezzjonijiet ġodda għad-drittijiet tal-awtur iżda ġestjoni speċifika tal-liċenzji fil-qafas tas-sistema ġuridika tad-drittijiet tal-awtur. Il-Kumitat huwa tal-fehma li direttiva ġdida jew

inkella l-ħolqien ta' kapitlu ġdid fid-Direttiva attwali ma jkunux strument xieraq.

4.4 Il-Kummissjoni tkun tista' tippubblika u taġġorna regolament il-lista tal-istituzzjonijiet responsabbli għall-ġestjoni tax-xogħlijiet orfni. Din il-lista tista' tkun soġġetta għal reviżjoni wara perjodu ta' sperimentazzjoni ta' ħames jew għaxar snin, sabiex fiha jkunu jistgħu jiġu inklużi r-rapport ippubblikat u l-istatistiki.

5. L-eċċezzjoni għall-persuni b'diżabilità

5.1 Il-Kumitat jixtieq approċċ inqas restrittiv mill-approċċ attwali ta' bosta pajjiżi tal-Ewropa fir-rigward id-diżabilità u d-diffikultajiet li ġġib magħha sabiex jiġi aċċessat ix-xogħol. Minbarra d-diffikultajiet li jesperjenzaw il-persuni b'diżabilità sabiex jaċċessaw ix-xogħlijiet, ħafna drabi lanqas ma jkollhom dħul finanzjarju kbir. Dan ostakolu ekonomiku u soċjalment inaċċettabbli li jolqot l-aċċess għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kultura.

5.2 L-involvement ta' assoċjazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità għandu jgħin il-proċess ta' riformulazzjoni tal-eċċezzjonijiet għal persuni b'diżabilitajiet differenti. L-assoċjazzjonijiet jistgħu ikunu involuti wkoll fil-ġestjoni ta' terminali speċjali tal-kompjuters, u fejn hemm b'żonn jipprovdu persunal imħarreġ biex jgħin lill-persuni b'diżabilità. Dawn l-għajnuniet jistgħu jiġu ffinanzjati mid-donazzjonijiet u l-għajnuna li jagħtihom il-gvern. L-assoċjazzjonijiet jistgħu, bħal-libreriji u l-mużewijiet akkreditati jew bil-kooperazzjoni tagħhom, jinneogzaw il-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol mal-aġenti tal-awturi li jiżguraw garanziji kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur. Il-KESE jemmen li l-eċċezzjoni għandha tiġi estiża sabiex tinkludi l-bażijiet ta' data għax inkella jista' jixxekkel l-aċċess għal xogħlijiet ta' referenza bħal enċiklopediji u dizżjunarji. Id-Direttiva dwar il-bażijiet ta' data għandha tiġi riveduta għal raġunijiet edukattivi u dawk relatati mal-aċċess għat-tagħrif, kif ukoll fid-dawl tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità.

5.3 L-assoċjazzjonijiet jistgħu jaqdu wkoll ir-rwol li jedukaw lil poplu dwar kemm huwa importanti li nirrispettaw il-liċenzji tal-utent. L-utenti jridu jkunu konvinti li r-rispett lejn id-drittijiet tal-awtur hija kundizzjoni essenzjali li tippermetti l-attività kreattiva. Madankollu, mhux sewwa li l-ispejjeż tal-liċenzji u tat-terminali speċjali jaqgħu kollha fuq il-persuni b'diżabilità. Għalhekk għandu jkun hemm eċċezzjoni għad-diżabilitajiet kollha li joħlqu problemi ta' aċċess għax-xogħlijiet. F'każijiet bħal dawn, l-ispejjeż għandhom jiġu koperti mill-istituzzjonijiet pubbliċi li huma obbligati li jpoġġu x-xogħlijiet għad-dispożizzjoni tal-persuni b'diżabilità, inklużi l-bażijiet ta' data u s-software. B'riżultat ta' dan, il-leġiżlazzjoni għandha tiġi mmodifikata ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Kull file għandu jkollu "water mark" b'link għal nota li tispejga l-kundizzjonijiet u l-limiti fuq l-użu tal-liċenzja għal utenti speċifiċi definiti.

⁽²⁾ Pereżempju kopja fil-post, kopja f'istituzzjoni simili, ibbażata fuq ftehim ta' konservazzjoni reċiproku u kopja fuq server diġitali.

⁽³⁾ Pereżempju sabiex jinħolqu files ta' dokumentazzjoni għar-riċerkaturi f'oqsma partikolari u għal-laboratorji jew negozji oħra.

⁽⁴⁾ Dan għandu japplika għall-bażijiet ta' data oriġinali kif ukoll għall-bażijiet ta' data "sui generis" (dizżjunarji, enċiklopediji).

5.4 Il-libreriji u l-mużewijiet ewlenin tal-Ewropa jistgħu jintalbu jippreżentaw il-kollezzjonijiet tagħhom f'format speċifiku adattat għall-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità partikolari. L-ispejjeż involuti f'każijiet bħal dawn għandhom jiġu koperti mill-baġit għall-affarijiet kulturali fil-livell reġjonali jew nazzjonali. Politika bħal din tissodisfa l-obbligu li niżguraw ugwaljanza għaċ-ċittadini kollha u li niġġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni.

5.5 L-eċċezzjoni għal skopijiet ta' taġħlim u riċerka kif stipulata fid-Direttiva hija restrittiva wisq. L-iskop tagħha għandu jittwessa' mingħajr preġudizzju għat-test tal-WTO billi jinkorpora l-informazzjoni dwar is-sors u l-awtur fid-dokument flimkien ma' dettalji dwar il-limiti fuq l-użu u l-projbizzjoni tar-riproduzzjoni illegali.

5.6 Sistema ta' liċenzji obbligatorji tista' tkopri s-self ta' xogħlijiet online għal skopijiet ta' taġħlim u riċerka, abbażi ta' kuntratt stabbilit bejn il-korpi tas-self.

5.7 L-eċċezzjoni għandha tapplika kemm għal siltiet minn xi xogħol magħżul mill-għalliema kif ukoll għal xogħlijiet sħaħ. Dan il-kriterju għandu jkopri l-iskopijiet edukattivi. Dan għandu jsaħħaħ is-sigurtà ġuridika mingħajr ma jdgħajef id-drittijiet tar-riproduzzjoni. Fil-qafas edukattiv trans-Ewropew, armonizzazzjoni msaħħa tevita sitwazzjonijiet fejn azzjoni li tkun legali f'pajjiż titqies bħala ksur tad-drittijiet tal-awtur f'pajjiż ieħor.

5.8 It-taġħlim mill-bogħod (distance learning) jitlob li fid-djar jintużaw il-kopji (għodda tat-taħriġ) b'mod partikolari mill-istudenti iżda wkoll ċittadini Ewropej li jgħixu f'pajjiżi terzi.

6. Kontenut maħluq mill-utent

6.1 Din il-kwistjoni qed issir dejjem aktar attwali, b'mod partikolari fil-kuntest kollaborattiv tal-Web 2⁽¹⁾. Id-drittijiet

tal-awtur jew it-tip ta' liċenzjar alternattiv propost mill-awtur oriġinali jistgħu jiġu trasformati jew żviluppati mingħajr ma dan jitqies bħala ksur tad-drittijiet tal-awtur.

6.2 Fil-każ ta' inizjattivi bħall-enċiklopediji parteċipattivi, l-aktar approċċ sempliċi huwa li tintgħażel liċenzja xierqa bħall-creative commons jew il-liċenzja tal-wikipedia fejn l-awtur "oriġinali" jaġixxi ta' moderatur qabel ma tiddaħħal informazzjoni addizzjonali jew isiru xi emendi filwaqt li fl-istess ħin iżomm id-diversità tal-ideat.

6.3 Dan l-eżempju konkret jurina kif l-internet mhux dejjem jikkonforma tajjeb mad-drittijiet tal-awtur.

6.4 Ir-remunerazzjoni tal-awturi li għandhom xogħol fuq l-internet ħafna drabi ma tiġix direttament mill-ħlas ta' liċenzji, iżda x'aktarx minn qligħ indirett, pereżempju r-reklamar iktar milli l-abbonamenti. Minkejja li l-abbonamenti qed jiżiedu, il-mudell kummerċjali tal-internet juża soluzzjonijiet innovattivi għad-disseminazzjoni li jinvolvi d-diġitalizzazzjoni u d-disseminazzjoni diġitali. F'dan il-kuntest ninsabu fil-fażi tranżizzjonali li nsibu mezzu ġodda ta' ħlas⁽²⁾ anki għaliex l-ispejjeż tal-produzzjoni u t-tixrid tax-xogħlijiet diġitali ma jistgħux jitqabblu mal-ispejjeż ferm aktar għolja involuti fil-qasam tal-media tradizzjonali.

6.5 Għad irid jinstab bilanċ bejn il-metodi ġodda ta' tixrid, it-teknoloġiji tar-riproduzzjoni, il-ħtiġijiet tas-soċjetà tal-għarfien u d-drittijiet tal-awtur. Dan il-bilanċ ma jstax jinkiseb billi jittieħdu għadd kbir ta' miżuri ripressivi li huma mmirati primarjament lejn kategorija ta' nies ta' ċertu żmien, li ssib ruha kriminalizzata minħabba nuqqasijiet fil-legalizzazzjoni jew minħabba li għandhom ma nstabux forom ġodda ta' remunerazzjoni għall-awturi. Fid-dawl tal-importanza u r-rapidità tal-avvanzi teknoloġiċi jeħtieġ li nespandu l-limiti attwali kemm jista' jkun malajr.

Brussell, l-24 ta' Marzu 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

⁽¹⁾ WEB 2 tfisser interfaces li jippermettu lill-utenti tal-internet li jaħdmu kemm fuq il-kontenut tas-siti kif ukoll li jikkomunikaw bejniethom. Għalhekk il-WEB2 hija kemm komunità kif ukoll sit interattiv.

⁽²⁾ Bħall-inizjattivi tal-Google jew dan l-aħħar tal-Microsoft.